# MAKKARUNI, TWERRIQ U TQASQIS FIX-XOGĦOL TAS-SIGARRETTI

Guido Lanfranco

Mill-bidu tas-seklu għoxrin sa qabel it-Tieni Gwerra Dinjija f'Malta kien hawn diversi fabriki barranin u Maltin tas-sigarretti. Waħda mill-aktar magħrufin fost dawk Maltin kienet dik tad-Ditta Scerri tal-Ħamrun. Fuq il-mezzi tax-xandir kemm-il darba kelli l-okkażjoni nagħmel programmi dwar drawwiet u tradizzjonijiet Maltin u, fost oħrajn, fis-snin disgħin kelli parti mill-programm *Bejnietna* fuq ir-radju RTK li kienet tmexxi Susan Mulvaney. Fil-parti li kienet tmiss lili kont dejjem inħajjar lis-semmiegħa jitkellmu dwar esperjenzi diretti tagħhom billi jċemplu bil-*phone-ins.* Fost suġġetti varji għamilt żmien nistħarreġ dwar xogħlijiet u snajja' li, għalkemm il-bżonn tagħhom għadu jeżisti, il-metodi, mezzi u l-materjal inbidlu. Wieħed mis-suġġetti kien dwar is-sigarretti u t-tabakk. B'xorti tajba sibt nies li kienu midħla ta' dak ix-xogħol u membri u dixxendenti tal-familja Scerri li kellhom il-fabbrika tad-Ditta Scerri kienu minn ta' quddiem. Dawn taw informazzjoni mill-aktar interessanti u mhux biss isservew bil- *phone-ins* fuq ir-radju, imma wkoll uħud minnhom kitbuli u pprovdewli xi ritratti. Ta' dan kollu nirrigrazzjahom u mhux biss iddeċidejt li nifforma din il-kitba biex l-informazzjoni li tawni ma tintilifx, imma wkoll ħassejt li jkun aħjar li nġib fi kliemhom stess dak li qaluli u kitbuli biex il-qarrej jidħol aktar dirett fil-ħajja tax-xogħol kif kienet fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, li minnu kelli sehem jien u nies oħra ta' mpari.

### Mill-fabbrika ta' Scerri

***Yvonne Scerri, 18-10-1995***

"Ir-raġel tiegħi mill-Ħamrun, u għadhom jafuna sal-lum (bħala) 'Tas-sigarretti' . . . 'Ta' Scerri' għax in-nanna tiegħu kellhom il-fabbrika tas-Sigarretti ta' Scerri. In-nanna tiegħu kienu jġibu t-tabakk minn barra. Kellhom ħanut quddiem il-knisja u, aktar 'l fuq fejn kienet toqgħod in-nanna, kienet il-*factory.* Scerri huma biss kien hemm il-Ħamrun.

Kienu n-nanna u tliet aħwa subien, wieħed minnhom missier ir-raġel tiegħi. Il-balla tat-tabakk kienet tkun il-weraq sħiħ. Il-balla kienet tkun kbira għax, meta kien tifel, kien jitla' fuq il-balal tat-tabakk, idaħħal biċċa njama taparsi karrozza. Id-dar tagħhom kienet tkun kamra minnhom mimlija bit-tabakk, . . . fi żmien il-gwerra. U anke għand iz-zijiet kien ikun hemm għax (meta kienet) tiġi skuna tabakk kienu jqassmuha għand it-tliet familji biex toqgħod; . . . qabel il-gwerra . . . issa spiċċat. Kellhom magni li jwerrqu, li jqattgħu, il-Ħamrun quddiem il-knisja, fil-kantina. Mbagħad kienu jwerrquh mill-balla kif ikun stagnat. Iwerrquh werqa werqa, jifirxuh ma' l-art, ixarrbuh bl-ilma u fil-ġwielaq, bil-karrettun, itellgħuh il-kantuniera l-oħra ftit 'l fuq, quddiem l-appostlu ngħidulu aħna, fejn jinħadem. Hemm iqattgħuh bil-magni.

Biex jimlewhom bl-idejn kien ikollhom il-makkarun, ħaġa mwaħħla mal-mejda, jitfgħu it-tabakk, igerrbuha, jimbuttawh bil-qasba u jkun hemm in-nies jaqtgħu it-truf. Is-sigarrett meta jinħadem jibqa' ċatt, mhux tond kif nafuh illum. Wara li jipproċessawh jippakkjawh; jibqa' ċatt . . . ipejpuh ċatt; . . . . ma kellux filter. Kienu jqassmuh lill-ħwienet ukoll. Ir-raġel tiegħi kien imur anke Bormla bil-karrettun, . . . . bil-kaxxa tal-mija. Kellhom *competition* li min ipejjep is-sigarett kollu u ma waqqax . . . jibqa' rmied waħdu u jimxi bih sal-ħanut, ituh kaxxa tal-mija. Dak li jkun kien ikun irid ipejpu quddiem il-bieb tal-ħanut. Ġieli xi ħadd jarah dieħel il-ħanut, jagħtih daqqa b'minkbu u jwaqqagħulu, imma z-ziju Ġann xorta kien jagħtihielu. It-tabakk kien jiġi mit-Turkija. Darba minnhom għerqilhom il-bastiment bit-tabakk b'kollox. Sa żmien il-gwerra kienu għadhom jaħdmuhom."

***Minn hawn kompla jitkellem ir-raġel tagħha, ta' 60 sena***

"It-tabakk kienu jtellgħuh fil-ġwielaq minn quddiem il-knisja sa quddiem l-appostlu, ħdejn Santu Nuzzu. Hemm kienet il-fabrika. Kien hemm nisa u rġiel jaħdmu. Fuq il-mejda kellhom kartuna mwaħħla bil-kolla minn naħa waħda fuq il-

mejda biex ma tiċċaqlaqx. Mbagħad tkebbeb it-tabakk ġo fiha u timbuttah bil-qasba. Mbagħad kien ikun hemm min iqasqsu, ngħidulu; . . . kien ikun imqass apposta. In-nanna kienet . . . tibgħatni 'l barra meta jwerrqu t-tabakk: 'Itlaq 'l barra! Itlaq 'l barra!' għax dik ir-riħa tat-tabakk kienet ħażina ħafna. Kienu jifirxuh ġo kamra kbira, ma' l-art, mbagħad ixarrbuh. Missieri, li kien l-iżgħar wieħed u miet ta' disgħin sena, kien iniżżlu l-ħanut ħdejn il-knisja, iqattgħuh b'sikkina kbira fiha xi disa' pulzieri, waħda tinsann u l-oħra taqta'. Wieħed iwaddab it-tabakk u l-ieħor jiġbed bil-lasta, mhux b'idejh, minn taħt il-giljottina. Missieri mbagħad kien jerġa jtellgħu bil-karrettun. (Hemm) kienu jaħdmuh; kellhom il-lavranti, min iqasqas, . . . . "

***Mary Scerri, Ħamrun ittra 23-10-1995***

"Jien waħda mill-familja ta' Scerri u l-fabrika niftakarha sew. Il-bini għadu hemm f'numru 625 High Street u għadhom joqogħdu xi familjari ftit 'l fuq mill-knisja ta' Porto Salvo jew, kif isibuha, Santu Nuzzo. Din il-fabrika kienet timpjega ħafna rġiel, nisa u anke tfal biex iqasqsu. Fil-fabbrika kienu jwerrqu t-tabakk mbagħad iniżżluh fil-kantina tal-ħanut quddiem il-knisja ta' San Gejtanu biex iqattgħuh u jerġgħu itellgħux fil-fabrika biex jinħadem sigarretti. Fil-kantina kien hemm tliet magni mwaħħlin ma' l-art u bil-muturi mas-saqaf.

Kienu jinħadmu dawn is-sigarretti: *Galata, Senator, Soccer, Be-Be* u oħrajn li m'għadnix niftakar. Kienu jagħtu kupuni li jinbidlu ma' *toys* jew fajjenza u kellhom stampi ta' l-artisti ta' dak iż-żmien. Il-ħanut kien jiftaħ fil-ħamsa ta' filgħodu sal-ħdax ta' billejl. Kellhom ukoll sigarretti ta' *Wills* u ta' *Sclivaniotis*, pipi ta' kull xorta b'ħafna wċuh differenti ta' l-injam u tal-ġibs. . . . . Għad hawn ħafna nies li kienu jaħdmu f'din il-fabbrika jew kellhom lil xi ħadd li jiftakar għax jien niltaqa' ma' ħafna u jgħiduli: 'Jien kont naħdem magħkom.'."

***Lydia Therese Scerri, Birkirkara, ittra, 29-10-1995***

"Jien waħda mill-ulied ta' John Scerri, fundatur tad-ditta Scerri. . . . . Kienu jirreklamaw is-sigaretti permezz tal-kupuni. Kien hemm mezz ieħor kif il-papa` kien jirreklama s-sigaretti. Kien kiteb kanzunetta li kienet titkanta fuq mużika li kienet popolari dak iż-żmien. Eżatt x'kien jisimha l-kanzunetta bl-Ingliż ma niftakarx; ma nafx kinetx *Dancing cheek to cheek* iżda xi versi kienu *Heaven, I'm in heaven.* Il-kliem tal-kanzunetta bil-Malti kienu dawn:

**Tabakk pur Tork mhux imħallat**
**Jaħdmuhom sħabna l-Maltin,**
**Jinħadmu fil-fabbrika Scerri,**
**Sigarretti fem tajbin.**

**Jinħadmu fi Strada Rjali,**
***three six three* numru l-Ħamrun,**
**Aslu wasla u ppruvawhom,**
**U għidu dan x'tabakk ikun.**

**Pejpu, dejjem pejpu,**
**Sigarretti aħjar minnhom ma ssibux . . . eċċ.**

L-aħħar żewġ versi ma niftakarhomx. Din il-kanzunetta kienet tiġi stampata fuq fuljetti li kienu jitqassmu minn ħuti u l-kuġini subien wara l-quddies fuq iz-zuntier tal-knisja ta' San Gejtanu. Il-ħanut ta' quddiem il-knisja ta' San Gejtanu kien qisu *city council* għaliex fih kienu jiltaqgħu diversi nies, fosthom is-surmast ta' l-iskola tal-gvern, professjonisti, politiċi, ħaddiema, eċċ.

Il-papa` kien jinteressa ruħu f'kollox, fil-fatt, flimkien ma' ieħor, kien ħareġ il-gazzetta




MAY 3RD. 1954.

**Id-ditta ta' Scerri, il-Ħamrun, ritratt ta' l-1954**

umoristika *Il-ġannett* li tagħha kien l-editur. Kif għedt qabel kienu jiltaqgħu biex ipejpu s-sigarrett u fl-istess ħin jiddiskutu l-avvenimenti tal-ġurnata. Niftakar li fi żmien il-gwerra il-papa` kien waħħal mappa kbira ta' l-Ewropa u fuqha kien jimmarka, permezz ta' bandieri żgħar l-avvanz jew l-irtitrar ta' l-alleati. Din kienet ħolqot interess u, malli xi ħadd jisma' mill-aħbarijiet xi moviment fil-kamp tal-battalja, erħilhom jiġu għand Scerri biex imexxu l-bnadar fuq il-mappa. Fi żmien il-gwerra, bħal kull ħaġa oħra is-sigaretti kienu skarsi wkoll. Niftakar li tliet darbiet fil-ġimgħa kien ikun hemm kjuwijiet twal, ġieli xi tliet kantunieri. Kien hemm ġranet oħra li kien isir bejgħ għar-*runners* biss. Biex jevita l-kjuwijiet u ma jħallix min jieħu ħafna il-papa` kien ħareġ *ration cards* u b'hekk kulħadd kellu dritt għal sehemu. Fi żmien il-gwerra kien hemm liġi li ma tistax iżżomm aktar minn għaxar liri (sterlini) muniti tal-fidda, . . . mingħalija. Jekk kienx suppost jew le ma nafx, iżda kellna tfittxija fil-ħanut mill-pulizija u sintendi sabu aktar milli suppost; ma jistax jonqos wara ġurnata xogħol! Il-papa` ttella' l-qorti, li kien jiltaqa' fil-każin ta' San Gejtanu. Meta tela' quddiem il-maġistrat, il-papa`, mingħajr l-għajnuna ta' l-avukat, iddefenda lilu nnifsu. Il-maġistrat ħarġu liberat għax l-ammont ta' fidda wara ġurnata xogħol ma setax ikun inqas.

Wieħed li kien jiffrekwenta l-ħanut kien wejter fil-palazz ta' Sant' Anton. Meta Sir Winston Churchill ġie Malta f'Novembru tal-1943 u mar jiekol Sant' Anton ħalla biċċa sigarru fuq il-mejda. Dan il-wejter ġab is-sigarru lill-papa` li għamlu f'inkwadru, kiteb taħtu li hu biċċa mis-sigarru ta' Churchill u d-data tad-19 ta' Novembru 1943. Dan l-inkwardu għadu għandna. Il-papa` kien għamlu fil-vetrina tal-ħanut u serva ta' attrazzjoni għal ħafna żmien. Meta jien kont żgħira kont inkun spiss fil-ħanut u kont ninnota lir-*runners* li kienu jiġu jixtru bl-ingrossa. Wieħed minnhom kien Indri, xwejjaħ sabiħ bil-mustaċċi kbar, bojod, bil-ponot 'l fuq. Kellu *bicycle* b'kaxxa kbira, sabiħa mdendla wara biex fiha jgħabbi s-sigaretti. Kien bniedem ċajtier iżda waqt il-kontijiet kien jisserja fil-pront u l-espressjoni ta' wiċċu kienet tindika li daqshekk ċajt. Kien jiġi wkoll Salvu minn Ħal Qormi biż-żiemel u l-karrettun. Fil-kantina ta' l-istess ħanut, kif ġa ntqal mill-kuġini, kien hemm magna tas-sigaretti li kienet tqatta' t-tabakk. Madwar tliet snin ilu dan il-ħanut krejnih vojt iżda l-magna xtaqna nikkonservawha. Għalhekk avviċinajna lill-awtoritajiet tal-mużew u dawn bagħtu n-nies biex iżarmawha. S'issa għadha ma ġietx armata għax qiegħda ssir xi espansjoni fil-mużew. Qed nibgħatlek l-informazzjoni li tajna lill-mużew u ritratti li għandhom x'jaqsmu mad-Ditta Scerri. Nixtieq ninfurmak li s-sigaretti *Black Spot* kienu jinbiegħu Għawdex biss waqt li r-*Red Spot* kienu għal Malta."



**Biċċa sigarru li ħalla warajh Winston Churchill meta kien Malta fl-1943 - miżmum b'rokordju għand id-ditta ta' Scerri**

**Aktar esperjenzi fix-xogħol**

***Raġel, Bormla ex Ħamrun, 18-10-1995***

"L-imqass tagħhom kien qisu mtaqqab. Immaġina żewġ pjanċi b'toqba fin-nofs . . . . u t-toqba taqta' kienet. Kont naħdem mal-kuġin tiegħi jien. Il-pagament ta' min jaqta' s-sigarretti kien jagħtihulu min jobromhom, mhux l-imgħallem, fil-każ tiegħi. . . . Strada Rjali kien, . . . . il-Ħamrun. Il-makkarun li kienu jagħmlu għas-sigarretti ċatti kien ikun mod u għas-sigarretti tondi ieħor. Kien hawn sigarretti ċatti; *Boqxa* kienu jgħidulhom; . . . Kienu jsiru f'Malta. Kien ikollhom imbuttatur qisu biċċa bakketta magħmul mill-bambu` u jimbotta bih ġo dik tal-kartun li jkollha parti qisha ponta (ta') pinna; jidħol il-makkarun ġo fiha, u n-naħa l-

oħra tonda, fejn timbotta. Kien hawn min itella' ħafna (xogħol); skond kemm ittella' aktar iħallsek l-imgħallem.

Konna noqogħdu bieb ma' bieb ma' ta' Scerri tal-Ħamrun, quddiem il-knisja, sa qabel il-gwerra. Kien hawn żewġ tipi ta' sigarretti: wieħed bit-tabakk Virginia li kienu s-sigarretti t-tondi, u kien hawn kwalita` ta' tabakk ieħor Eġizzjan, li kienu magħmulin ċatti. Issa mhux il-karta kienet iżżommhom ċatti (imma) il-kartuna. Il-kartuna kienet tkun magħmula b'mod li wieħed iżomm tabakk idur dawra tond; u dawk iċ-ċatti l-kartuna ma kinetx tkun imwaħħla mal-bank imma tkun *extra*. Kien hemm il-biċċa li tkun imwaħħla mal-bank u kien ikollhom oħra barranija, jagħmluha fuqha, u jrembluhom flimkien. Pero` hu kien (jerġa') jaqbad dik il-kartuna li tobrom is-sigaretti, jaqlagħha, jżommha b'idejh barra minn mal bank, . . . Ma kinetx tkun imwaħħla, fiha jwaħħal il-makkarun u jimbuttah. Iċ-ċatti kienu jgħidulhom *Boqxa*. Il-Marsa kien hawn fabbrika ta' *Colombos*; dawk kienu jagħmlu sigretti Eġizzjani."

***John Mizzi, il-Marsa ex Ħamrun, 65 sena 18-10-1995***

"Meta kont tifel kont immur inqasqas is-sigarretti. . . . Naqtgħalhom it-truf. Għax huma kienu jagħmlu ċertu *foolscap* imwaħħla mal-bank. Kienet tkun speċi ta' kartuna flessibbli, jinkullaw biċċa minnha mal-bank u jilwuha b'ċertu mod li jkollha speċi ta' lembut fit-tarf, u n-naħa l-oħra ċatta. Kienu jifirxu t-tabakk fuqha, jitnuha, iremblu t-tabakk u jkebbuha u kien kollhom qasba twila jgħidulha imbuttatur, idaħħlu il-librett, skond jekk il-bniedem hux fuq ix-xellug jew fuq il-lemin. Il-librett kienet il-karta tas-sigarrett imma kienet tkun lesta forma ta' pajp. Idaħħluha fil-ġenb, jimbuttaw it-tabakk minn fuq dik għal ġo din il-karta u kienu joħorġulu ftit xniexel minn kull ġenb. Jien kont immur biex naqla' xi ħaġa għand dan ir-raġel li kien jagħmel dax-xogħol, Strada Rjali l-Ħamrun; ċertu Anġlu, illum, Alla jaħfirlu, mejjet, minn Ħaż-Żebbuġ.

Kellna mqass u kellu kurvatura tonda fin-nofs biex tittrimmja t-truf tas-sigarrett. Dak iż-żmien il-karti tas-sigarretti kienu ċilindriċi lesti u jiġu ttimbrati bl-isem. It-tabakk kien ikun mazz iebes u kien irid proċess qabel ma jinħadem. Ikun imqatta' rqiq fin imma mazz. L-imgħallem ma kienx jurina kif kienu jħalltu t-tabakk. Kien anki jxarrbu b'xi xorb biex ikollu ċerta riħa. L-imgħallem kien jagħmel kaxxi tal-mija u jpoġġihom ġo fihom. Niftakar sigaretti ta' barra bħal *Kensitas, Four Squares* f'idejn in-*navy*; u kellna mpjegati man-*navy*. Mal-kaxxa kien ikun hemm pakkett ieħor extra li kien ikun fih erba' sigaretti u fuqu kien ikun hemm miktub: *And four for your friends.* Missieri kien fin-*navy* u meta kien isiefer kien jerfagħhomlna dawn il-kaxxi żgħar; . . . mal-pakkett ta' l-għoxrin. Kien hemm ukoll il-*Graven A.* Kien hemm ukoll l-i*Sportsman*, il-*Boqxa, it-Tom Mix* . . . Kienu tal-mija. "



**Apparat tal-brim tat-tabakk qabel ma jidħol fil-makkaruna permezz ta' l-imbuttatur.**

**Aktar tabakk**

Kien hawn min jixtri karti għas-sigarretti u apparat sempliċi li jintrefa' f'ċarruta mibruma biex jista' jobrom is-sigarretti hu stess. Kienu jinxtraw sigarretti sfużi minn bosta ħwienet. Oħrajn, minflok jixtru t-tabakk, kienu jużaw kull tip ta' weraq niexef. Jien stess niftakar bosta minnhom u, fost oħrajn, kien hawn min inixxef il-weraq tad-dielja u tat-tin. Dawn kienu jobormuhom sigarretti f'biċċiet tal-karti jew f'għamla ta' sigarru mgerrbin f'werqa oħra, imma bosta kienu jagħmlu pipa minn biċċiet tal-qasab.

***May, Tas-Sliema, 18-10-1995***

"Meta kont żgħira kont immur nixtri s-sigaretti mingħand il-Cavlier, Prince of Wales. B'ġiex soldi kien jagħtina ponn. . . xi għoxrin kien jagħtina: *Boqxa, Sclivaniotis.* Aktar riċenti kien hawn ukoll il-*Papastratos.* Fi żmien il-gwerra kien hawn il-*Flag* , il-*Players* u l-*Graven A* aħmar, tal-qattus. "

***Lawrence Camilleri, 77 sena, mix-Xewkija, 21-12-1994***

"In-naħa tax-Xewkija kien jgħix wieħed xiħ . . . . . . Kien ipejjep iz-zkuk tas-silla. . . . ."

***Mara, il-Qala, 66 sena, 23-8-1995***

"Il-Qala kienu jaqtgħu il-weraq tat-tilliera biex ipejpuh. Kienu jaqtgħu il-weraq u kienu jxemxuh u mbagħad ifarrkuh u kienu jimlew il-pipa bih. Għall-pipa kienu jaqtgħu biċċa qasba. ġieli jsibu biċċa qasba ftit wiesa' minn isfel u mbagħad il-pipa jaqtugħha minn fuq u biċċa mid-dejqa."

***Frans Farrugia, Ħal Għaxaq 23-8-1995***

"Dwar it-tipjip, anki l-weraq tal-qara' twil kienu jagħmlu u jagħmlulu miegħu xi weraq tar-rand u xi ftit rum u jobormuh qisu kazzott, mbagħad kienu jqattugħ bil-giljottina jiġi qisu tabakk normali. U ġieli anke jżidu xi ftit tbakk ieħor għall-pipa. Bħala sigarri u sigaretti kienu jużaw iz-zkuk ta l-għeruq tal-qara' twil. Meta jinxef dak kien isir kollu toqob, qisu filtru; għerq huma z-zkuk tas-siġra kollha. Tal-qara' u tal-bettieħ jgħidulu għerq. Kienu jaqtgħuhom xi sitt pulzieri lejn l-għekiesi u jpejpuh bħala sigarru; kien idum xi għaxar minuti".

**IR-RITRATTI LI JUKKUMPANJAW DAN L-ARTIKLU KIENU ĠENTILMENT IPPROVDUTI MINN LYDIA THERESE SCERRI**



**Apparat li kien jintuża biex jinħadem il-filter tas-sigarrett, u jidher ukoll l-imbuttatur**



**Pakkett makkaruni**